MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2003

Numru 397/2003

**Pulizija**
**(Sp David Saliba)**
**vs**
**JOSEPH CINI**

**Illum 27 ta' Mejju, 2003**

Il-Qorti.

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Cini ta' 39 sena bin Joseph u Jane xebba Buttigieg imwieled Pieta d.t.t. 27.5.1964 prezentement detenut il-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Nru tal ID card 304664(M), gie akkuzat:-

Talli fil-Pieta fit 30 ta' Novembru, 2002 ghal habta ta' 2.30 a.m. waqt li kien fl-isptar San Luqa harab mill-kustodja tal-

pulizija u dan ai termini tal artikolu 151 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ukoll talli hu ricediv b’diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassara.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok DS3 u nnutat li l-Imputat ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-Imputat ammetta l-akkuzi. Spjegat bl-aktar mod solenni lill-Imputat rigward il-konsegwenzi ta’ l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax tali ammissjoni jew le u wara li gie mistoqsi jekk iridx jikkonferma l-ammissjoni tieghu jew le, l-Imputat rega’ wiegeb li hu hati. Inoltre l-Imputat iddikjara ghal kull buon fini li hu ma ghandux htiega ta’ Avukat.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur David Saliba ddikjara illi l-Imputat ikkopera mal-Pulizija, illi l-incident mertu ta’ din il-kawza kien ta’ entita’ minima u illi l-Imputat prezentement qieghed fi programm residenzjali gewwa s-S.A.T.U. u qieghed juri progress, konsegwentement ssottometta li piena karcerarja mhijiex wahda idoneja f’dan il-kaz.

Illi fil-istess Verbal l-Imputat iddikjara li jiddispjacieh ghal dak li ghamel.

Rat l-artikoli 151, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-Imputat Joseph Cini fuq ammissjoni ta’ l-istess Imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur David Saliba fil-Verbal tas-seduta tal-lum, riferit aktar qabel f’din is-sentenza u l-fatt li l-Imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-Imputat Joseph Cini taht il-provediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti qed taghti lill-Imputat Joseph Cini l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------